MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2007

Appell Civili Numru. 300/2006/1

**Billboard Advertising Limited**

**vs**

**Dr. Renzo Porsella Flores bhala Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lis-socjeta` estera Portland International Limited nominat skond digriet tal-25 ta' April 2006**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta' Frar, 2007 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' April 2006 fejn s-socjeta' attrici qed titlob li l-konvenut nominee ghandu jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elf tliet mija u sittax-il lira

tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1,316.28) rapprezenta'nti billboards mibjugha u kkonsenjati lill-istess socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-konsenja 1 ta' Jannar 2005 sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut nominee prezentata fil-15 ta' Mejju 2006 fejn irrileva li ma jaf xejn dwar il-kaz u li ser jaghmel l-almu tieghu biex jikkomunika mas-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta ulterjuri da parti tal-kovenut nominee datata 10 ta' Ottubru 2006 fejn eccepixxa l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal ai termini tal-artikolu 741 u 742 Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet inkluz tal-Kuratur Deputat.

Ra l-verbal tas-seduta tal-5 ta' Frar 2007 fejn il-partijiet informaw lit-Tribunal li jista' jghaddi wkoll ghas-sentenza finali fuq il-meritu prevja l-esitu tad-decizjoni fuq l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut nominee.

Ikkunsidra.

L-artikoli 741 u 742 Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jelenka sitwazzjonijiet fejn il-Qrati Maltin (inkluz it-Tribunal) ghandu jkollhom gurisdizzjoni fuq il-meritu ntavolat. Fit-trattazzjoni tieghu l-Kuratur Deputat jallega li t-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni fuq dan il-meritu odjern peress li s-socjeta' konvenuta hija wahda estera u ma jirrizulta li ghandha ebda proprjeta hawn Malta. Bir-rispett kollu lejn il-Kuratur Deputat l-artikoli tal-

ligi precitati minnu stess imorru ferm oltre dak minnu trattat.

Illi minn semplici ezami tal-artikolu 742 kap 12 tal-ligijiet ta' Malta ghandu jirrizulta li dan it-Tribunal jista' jissokta jisma` dan il-kaz certament a bazi tas-segwenti artikoli tal-ligi cioe 742 (1) (a) (e).

Illi ghar-rigward il-mertu proprju it-talba attrici tinsab ampjament ippruvata tramite l-affidavit ta' Andre Borg u d-dokumenti minnu esebiti.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi fl-ewwel lok jirrespingi l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenut nominee u jiddikjara li ghandu gurisdizzjoni li jissokta fis-smiegh ta' dan il-kaz a bazi tal-artikoli tal-ligi precitati;

Fit-tieni lok u fuq il-meritu t-Tribunal qieghed jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici peress li tinsab soddisfacentement ippruvata u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' Lm1,316.28 bl-imghax legali dekorribbli mill-1 ta' Jannar 2005 u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu tal-istess socjeta' konvenuta."

Ir-revoka ta' din is-sentenza mitluba mill-kuratur deputat ghas-socjeta` konvenuta estera hi cirkoskritta ghall-aggravju illi t-Tribunal kien zbaljat meta ddetermina li hu kellu gurisdizzjoni ghab-bazi ta' l-Artikolu 742 (1) (a) u (e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

L-unici fatti ta' sustanza li johorgu mir-rizultanzi tal-kaz huma dawn:-

(1) Is-socjeta` attrici kreditrici hi kumpanija Maltija mentri dik konvenuta, debitrici tas-somma reklamata, hi

socjeta` Ingliza. Ara Affidavit ta' Andre Borg, direttur manigerjali tas-socjeta` attrici a fol. 15;

(2) Il-kumpanija attrici giet kommissjonata tistampa *billboards* in konnessjoni ma' konferenza tenuta minn VISA International f' Malta;

(3) Il-pagament ghax-xoghol ezegwit baqa' ma sarx mill-kumpanija barranija;

Fil-presenza ta' dawn il-fatti, it-Tribunal, verament b' sommarjeta` mill-aktar estrema, iddispona mill-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni billi irritjena li hu seta' jiehu konjizzjoni tal-kaz a tenur ta' l-Artikolu 742 (1) (a) u (e) tal-Kapitolu 12. Mill-kumplament ma jzid xejn aktar. Lanqas il-minima spjegazzjoni tar-raguni u tal-principji tad-dritt il-ghala, skond hu, il-fattispeci, b' dak il-minimu ta' informazzjoni dwarhom, kellhom jinkwadraw ruhhom fil-qafas gurisdizzjonali tas-subincizi (a) u (e) ta' l-artikolu predett tal-ligi;

Ma jista' qatt ikun dubitat illi s-subinciz (a) ma jiccentra xejn fil-kwestjoni gjaladarba l-ligi hawn qeghda tippostula l-ezistenza ta' kontroversji bejn "cittadini ta' Malta" u dan hawn mhux il-kaz trattasi minn procediment fejn certament wahda mill-partijiet (is-socjeta` konvenuta mharrka) mhix cittadin ta' Malta. Dan kellu jkun bil-wisq ovvju anke ghat-Tribunal adit;

Determinat dan il-punt, il-Qorti trid tara u tezamina jekk it-Tribunal ghandux ragun illi jikkolloka l-gurisdizzjoni tieghu fil-parametri tas-subinciz (e) ta' l-Artikolu 742 (1). Dan jipprovdi illi l-qorti ghandha gurisdizzjoni biex tisma u tiddeciedi l-kawza quddiemha meta din tkun tirrigwarda:-

"**kull persuna, illi, ghalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f' pajjiz iehor, tkun ftehmet li ghandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f' Malta jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors ghandu jkollha**

**effett f' Malta, kemm-il darba, f' kull kaz, dik il-persuna tkun tinsab Malta**";

Huwa distingwibbli minn dan il-provvediment tal-ligi procedurali illi r-rabta li jaghmel *ad fundandam jurisdictionem* hi dik tal-presenza f' Malta tal-parti fil-kontradittorju. Li jfisser illi ghar-radikar tal-gurisdizzjoni s-socjeta` konvenuta barranija riedet tkun prezenti f' Malta "*al momento dell' intavolamento dell' azione*" ("**Giovanni Temellini *nomine* -vs- Dr. Louis Galea *nomine***", Qorti tal-Kummerc, 5 ta' Dicembru 1932);

Ghal kwezit dwar x' jikkostitwixxi "presenza" fil-kaz ta' kumpanija, il-kompjant Imhallef George Schembri, filwaqt li jirrikonoxxi l-assenza ta' gwida fil-ligi taghna fuq dan il-punt, jirreferi ghas-sistema procedurali Ingliz dwar l-importanza tal-presenza tal-konvenut fl-Ingilterra ghal skop ta' notifika bir-"*writ*". Fir-rigward huwa jikkonsolida l-fehma tieghu fuq dik tal-kriterji dettati mill-Qrati Inglizi, kif espressi mic-**Cheshire** fl-opra tieghu "**Private International Law** (8th Edition, pagna 185). Senjatament illi:-

(i) "*The business must have been done* <u>*in*</u> *England not merely* <u>*with*</u> *England.*" Dan tramite il-presenza ta' agent rappresentativ;

(ii) "*The agent must have operated at a fixed place of business for a definite period of time*";

Il-Qorti ddeterminat fil-kaz partikolari quddiemha illi dawn il-kriterji kellhom jitqiesu "legalment ragjonevoli" u ghaddiet biex adattathom ghal fattispeci u ghall-akkoljiment ta' l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni. Ara "**Avukat Dottor Edward Fenech Adami *nomine* -vs- Avukat Dottor Ian Refalo *et nomine***", 27 ta' Frar, 1975;

Minn dakinhar ta' din is-sentenza l-qaghda rregistrat tibdil anke fl-Ingilterra billi issa skond **Cheshire and North's**

**"Private International Law"** (13th Edition, pagna 289), "*it is to the Companies Act 1985 that a claimant has now to turn if jurisdiction is to be taken against a foreign company by service of a claim form within the jurisdiction*". Fil-kaz taghna, l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpaniji (Kapitolu 386), u precizament l-Artikoli 384 sa 389 tieghu;

Skond dawn l-istess artikoli, socjeta` inkorporata barra minn Malta, ghal fini tat-twaqqif ta' fergha jew post tan-negozju ghandha, tirregistra ruhha mar-Registratur tas-Socjetajiet u *inter alia,* tipprovdilu kopja awtentika ta' l-istatut socjali taghha u lista ta' diretturi jew ta' dawk li ghandhom l-amministrazzjoni u r-rapprezentanza taghha. Wiehed jifhem fl-ambitu tal-kwestjoni ezaminata li dawn ir-rekwiziti huma hekk mehtiega ghall-iskop ta' dik l-assikurazzjoni tal-presenza reali u effettiva tas-socjeta` barranija fil-gestjoni ta' l-affari taghha f' Malta u dik tan-notifkazzjoni ta' l-atti lir-rapprezentant taghha. Naturalment, kumpanija estera tista' wkoll tikkonduci n-negozju taghha permezz ta' agent lokali u f' dan il-kaz, ghal skop ta' gurisdizzjoni, il-presenza taghha f' Malta tissussisti tramite l-agent u tista' tigi citata tramite notifikazzjoni lill-istess agent rapprezentativ. Ara **Kollez. Vol. XLI P III p 1228**;

Fil-kaz taht konsiderazzjoni l-prova ta' din il-"presenza", hekk centrali ghas-subinciz (e) ta' l-Artikolu 742, hi ghal kollox mankanti, jew, ghallanqas, ma gietx konvincevolment stabbilita mis-socjeta` attrici appellata l-ezistenza ta' din il-presenza, b' xi wiehed mill-ipotesijiet hawn fuq ikkontemplati, fil-mument tal-prezentata ta' l-avviz fis-6 ta' April 2006. U gjaladarba ssemma wkoll mill-appellanti *nomine* is-subinciz (f) ta' l-artikolu precitat, ikollu jinghad illi lanqas ma ngiebu provi ta' l-ezistenza f' Malta ta' beni tas-socjeta` barranija fuq liema tista' tigi esegwita s-sentenza. Dan s' intendi f' abbinament ukoll mal-mument li tibda l-kawza. Ara "**Dr. Gerald Montanaro Gauci *nomine* -vs- Mary Elizabeth Bickford**", Appell, 2 ta' Gunju 1969 u "**Frank Borg *nomine* -vs- Avv. Dr.**

**Emanuel Buttigieg *et nomine***”, Qorti tal-Kummerc, 3 ta’ Ottubru 1977 per Imhallef George Schembri;

La ebda inferenza ta’ din il-presenza ma tinsab dedotta mill-provi, is-socjeta` attrici ma setghetx tenforza l-hlas tal-kreditu taghha billi taddixxi l-gurisdiszzjoni ta’ tribunal lokali ghax din mill-atti tal-kaz prezenti ma tirrizultax. Ma kienx allura guridikament korrett it-Tribunal meta ddecieda li jichad l-eccezzjoni opposta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata billi t-Tribunal adit ma kellux gurisdizzjoni biex jiehu konjizzjoni tal-mertu tal-kaz. L-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew mis-socjeta` attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------